FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI
A.MICALLEF TRIGONA LL.D.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 22 ta' Frar 2017

Il-Pulizija
(Spett Chris Pulicino)

Vs

Peter Carabott

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta tal-identita' numru 516258m talli:

1. nhar is-6 ta' Jannar 2008 xi hin filghodu minn gewwa l-parkegg tal-Ajruport Internazzjonali fil-Gudja, ikkometta serq ta' vettura tal-ghamla Peugeot 206 bin-numru tar-registrazzjoni LEK656, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur li jaqbez l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2329.37) u bix-xorta tal-haga misruqa u sar ghad-dannu ta' Joseph Buhagiar u/jew persuna/i ohra;
2. fis-6 ta' Jannar 2008 u fis-snin ta' wara din id-data f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa (vettura Peugeot 206 li l-valur taghha jaqbez l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu €2329.37), mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat jew xjentement b'kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxihom;
3. fis-6 ta' Jannar 2008 u fis-snin ta' wara din id-data f'dawn il-Gzejjer, minghajr l-approvazzjoni bil-miktub tal-Kummisarju tal-Pulizija, b'xi mod li jkun baghbas, nehha, biddel jew ghamel numru tal-identifikazzjoni ta' chassis jew magna ta', jew fuq vettura bil-mutur u cioe billi wahhal numru tas-chassis falz jaqra VF32A8HXF43677906 li jappartjeni ghal vettura bin-numru tar-registrazzjoni FBZ 613 fuq vettura tal-marka Peugeot 206 bin-numru tas-chassis originali jaqra VF32A8HXF43639110 u bin-numru ta'registrazzjoni originali LEK656;

Rat ir-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Ikkonsidrat:

L-ewwel imputazzjoni tikkoncerna vettura tal-marka Peugeot 206 numru ta' registrazzjoni LEK656 dwar liema qieghed jigi allegat li l-imputat jew seraqa jew giet ghandu b'ricettazzjoni. It-tieni imputazzjoni titratta vettura numru ta' registrazzjoni FBZ613 wkoll tal-marka Peugeot 206 li dwara qieghed jigi allegat li ttiehed, ossija ntuza, n-numru tax-chassis taghha VF32A8HXF42677906 li tpogga (ossija ntuza) fuq il-karozza Peugeot fuq imsemmija li n-numru originali tax-chassis taghha kien VF32A8HXF43639110.

Intant, l-Avukat Generali ai termini tar-rinviju ghall-gudizzju qieghed jixli l-imputat b'serq jew b'ricettazzjoni bhala reat alternattiv ghas-serq u b' qerq fil-kummerc taht l-Artikolu 298(D) tal-Kap 9.

Illi in propositu ta' dan l-ahhar citat artikolu, ossija l-Artikolu 298(D), dan jipprospetta r-reat ghal min "iqieghed fil-kummerc merkanzija li ghaliha tkun irregistrata *trade-mark* distintiva wara li jnehhi dik il-marka minghajr il-kunsens tas-sid".

Illi ghandu jkun wisq car li fic-cirkostanzi tal-kaz presenti dan ir-reat prospettat taht l-artikolu citat ma jistax jreggi stante li m'hemm xejn fil-meritu li jittratta 'trade mark', wisq anqas wahda registrata bhala tali. Kwindi, dan l-artikolu gie citat erronjament. Huwa risaput li huma l-artikoli tal-ligi citati mill-Avukat Generali li jikkostitwixxu l-fonti tal-akkuza.

Ikkonsidrat:

Li fir-rigward l-akkuza tas-serq jew ricettazzjoni li tikkonfigura fost l-akkuzi dedotti mill-Avukat Generali kontra l-imputat, hija tikkoncerna l-vettura numru ta' registrazzjoni LEK656 li dwarha xehed certu Joseph Buhagiar u li skond mhu riportat minn Transport Malta kienet ilha mill-14 ta' Jannar 2004 registrata fuq ismu. Dana Buhagiar xehed kif fis-6 ta' Jannar 2008, fil-kors tan-negozju tieghu, kien kera din il-vettura u kellu jigborha mill-arjoport. Ma kienx gabarha ghaliex ma sabiex u irrisulta li kienet insterqet.

Dwar it-tieni vettura meritu din il-kawza, bin-numru ta' registrazzjoni FBZ613, ukoll tal-marka Peugeot, kulur bajda, l-istess xhud minn Transport Malta xehed li qabel l-24 ta' Marzu 2011 in-numru ta' registrazzjoni taghha kien CBK318 li tbiddel fin-numru presenti meta nbieghet u giet 'private', ossija, ma kinitx ghada karozza tal-kiri. Dwara xehed certu David Fenech tal-'Percius Car Hire' li stqarr li l-karozza kienet involuta f'habta u ma kinitx ekonomikament vjabbli li tisewwa ghalhekk kienu bieghawa u kien proprju l-imputat li kien xtraha. Mill-provi in atti, anka mill-atti tal-inkjesta, li jinsabu esebiti, jirrisulta ampjament li n-numru tas-chassis taghha kien falz fis-sens li kien gie manomess u sostitwit b'numru iehor.

Intant, minn isostitwixxa dan in-numru m'hemm xejn fl-atti li jinkjoda lill-imputat tranne prova fuq 'detto del detto' li fil-kaz in dismina ma jistax jikkostitwixxi prova probanti, dan apparti li kif spiegat fl-ewwel paragrafu ta' dan il-gudikat m'hemm ebda akkuza fil-konfront ta' din il-falsifikazzjoni.

Ikkunsidrat:

Li fattur cert li jirrisulta mix-xhieda tal-Ispettur Pulicino hu li l-vettura bin-numru FBZ613, ossija dik li l-imputat kien xtara minghad il-'Percius Car Hire', kienet sussegwentemt giet mibjugha minn dan Carabott, ossija l-imputat, lill certu Mario Spiteri. Jirrisulta wkoll mix-xhieda tal-istess xhud li l-imsemmija vettura bin-numru FBZ613 kellha n-numru tas-chassis tal-vettura bin-numru LEK656 ossija l-vettura li kienet giet misruqa mill-arja tal-parkegg tal-MIA. Izda minn kien l-awtur tas-serq ma giex pruvat. L-unika prova li tikkonetti z-zewg vetturi hi l-kwistjoni tas-chassis li kien gie sostitwit kif gja spiegat. Pero' minn kien seraq xhix u minn sisostitwixxa xhix jghiduh certi Gilbert Busuttil u t-tfajla tieghu, din ta' l-ahhar bint l-imputat, li ma xehdux f'dawn il-proceduri u li, li kieku xehdu, x-xhieda taghhom difficilment kienet tkun attendibbli.

Dwar l-akkuza li tixlih b'ricettazzjoni l-prova li l-vettura FBZ613, li fil-konfront ta' liema biss tista' talvolta treggi din l-akkuza, hija impossibbli li treggi fin-nuqqas ta' xi prova li din il-vettura kienet gejja minn serq.

Inghad dan, u billi l-akkuzi ma jirrisultawx pruvati, tillibera lill-imputat minn kull htija u piena.

A.M.Trigona
Magistrat